MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2015

Numru. 570/2012

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Anne Marie Micallef)**

**Vs**

**Aslan Imdat**

**Kump.nru. 570/2012**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Aslan Imdat**, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 495395(M), gie akkuzat talli nhar l-10 t'Ottubru 2011 u fix-xhur/snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmul b'rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita tieghek personali, kif ukoll bhala Direttur tal-Kumpanija *Aslan Catering Limited*, approprjajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' ma hallastx lid-Dipartiment tal-VAT is-somma totali ta' €39,890.11c ai termini tal-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli sar recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta'Malta liema sentenzi gew decizi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat li, fl-udjenza ta' llum 5 ta' Mejju 2015, wara l-qari ta` l-imputazzjoni bil-gurament, saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat, u dana anki wara li inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur u ta` l-Avukat Difensur.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputat, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjoni kif migjuba giet sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati skond il-ligi.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta’ piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. il-fedina penali ta` l-imputat;
b. l-ammissjoni bikrija ta` Aslan Imdat (sahansitra ammetta c-cirkostanzi tal-kaz fl-istqarrija tieghu li ta lill-pulizija) li, ghalkemm ma tatix xi dritt awtomatiku ghall-riduzzjoni fil-piena, f’dan il-kaz din il-Qorti qed taghtiha piz sostanzjali fil-kuntest ta` l-ahjar sanzjoni li ghandha tigi imposta b’din is-sentenza;
c. il-fatt li, kif jinsab verbalizzat fl-atti, ftit gimghat wara l-hrug ta` l-imputazzjoni Aslan Imdat hallas dak kollu dovut lid-dipartiment u li llum ma ghadx hemm pendenzi;
d. il-fatt li n-nuqqasijiet da parti ta` l-imputat kienu dovuti ghal diffikultajiet ta` *cash flow* u s-sitwazzjoni ekonomika xejn felici fiz-zmien *de quo*. In oltre, jidher li l-imputata dejjem zamm kuntatt mad-dipartiment sabiex isib soluzzjoni ghall-pendenza li kellu. Jigi allura li l-htija ta` l-imputat hija wahda purament teknika;
e. Il-fatt li l-prosekuzzjoni ma insistietx fuq il-kwistjoni tar-recidiva u in effetti ma pproduciet ebda prova in materja.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b’rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif aktar-il fuq esposti, inkluz il-karattru ta` Aslan Imdat, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lil Aslan Imdat hati skond l-imputazzjoni kif dedotta u peress li

jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess Aslan Imdat bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` tmien xhur (8) mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Aslan Imdat fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------